# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 580/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Thomas Mercieca**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotti kontra l-appellant, Thomas Mercieca, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 680257M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli mit-23 ta' Mejju, 2016 sal-20 ta' Gunju, 2016, mill-20 ta' Gunju, 2016 sat-18 ta' Lulju, 2016 u mit-18 ta' Lulju, 2016 sal-15 t'Awwissu 2016 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Theresa Mercieca, is-somma ta' €160 kull erba' gimghat, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax

-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tad-29 ta' Novembru, 2016 li biha sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll ordnat il-hlas ta' €480 fi zmien tlitt xhur ai termini tal-Art 28H tal-Kap 9;

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Thomas Mercieca , pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-6 ta' Dicembru, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma in kwantu ghall-htija, hija tirrevoka l-piena inflitta ghal wahda iktar idonea u inqas harxa li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi dan huwa appell limitat ghal-piena erogata mill-ewwel Qorti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-parti civili kkonfermat illi fil-mori tal-appell l-appellant ssalda d-debitu tieghu billi hallas il-

manteniment dovut lilha skond kif ordnat mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja);

3. Issa ghalkemm mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti kwantu l-piena erogata, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, u f'dawn ic-cirkostanzi biss, din il-Qorti, qed tilqa' l-appell u ghalhekk tghazel illi tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal-terminu ta' xahar prigunerija sospizi ghal sena ai termini tal-Art 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ukoll ordnat il-hlas ta' €480 fi zmien tlitt xhur ai termini tal-Art 28H tal-Kap 9 u minflok tikkundannah ghal-twiddiba;